L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 14 ta' Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. L-ikel bħala bżonn u l-ikel bħala mezz ta' ċelebrazzjoni.
2. Illum il-ġurnata l-gidba saret tiswa daqs il-verità.
3. Il-liġijiet mhumiex biżżejjed biex jiggarantixxu l-ugwaljanza bejn gruppi soċjali differenti.
4. Il-bniedem tal-lum sar jgħix aktar.
5. Id-differenzi ta' bejnietna jagħmlu l-ħajja interessanti jew joħolqu ħafna tensjoni?

**(Total: 15-il marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: TRADUZZJONI

**Aqleb għall-Malti din is-silta:**

On Saturday morning, Peter got up and went to the supermarket. He carried his shopping home, and then took care of his laundry and ironing. In the afternoon, he browsed a few record stores and later he cooked himself dinner; always something adventurous on a Saturday night. Afterwards, he hit Netflix. And in all those hours, in common with many of Peter's Saturdays, not to mention his Sundays, he had no meaningful interaction with another human being. "The only person I spoke to," he says, "was the lady who came over to verify my bottles of beer at the supermarket self-checkout."

*(Meħuda minn: https://www.theguardian.com/society/2020/jan/16/the-agony-of-weekend-loneliness-i-wont-speak-to-another-human-until-monday)*

**(Total: 5 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. Il-lingwa għandha bosta mekkaniżmi li permezz tagħhom issawwar il-kliem u toħloq kliem ieħor ġdid. Tkellem dwar dawn il-mekkaniżmi b'referenza għall-Malti.

2. "Hemm għadd interessanti ta' kliem li meta wieħed jistudja kif tħaddmu tul medda ta' żmien, ngħidu aħna bejn is-seklu tmintax u s-seklu għoxrin, iż-żmien li matulu għandna biżżejjed dokumentazzjoni fil-Malti, isib li bidlu t-tifsira." Ikkummenta dwar din il-kwotazzjoni, meħuda mix-xogħol ta' Ġorġ Doublesin, b'referenza għall-Malti.

**(Total: 10 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 15 ta' Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Kemm qabel kif ukoll wara l-Indipendenza, il-poeti Maltin rabtu l-viżjoni tagħhom tal-ġens Malti mar-reliġjon Kattolika u mal-ilsien Malti. Iddiskuti.

2. Il-pajsaġġ Malti jqanqal fil-poeti Maltin kemm ferħ u kemm diqa, kemm qima u kemm rabja. Iddiskuti kif jinħolqu dawn l-emozzjonijiet permezz tat-tekniki poetiċi fix-xogħlijiet minn perjodi differenti fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Skont Olivia Borg, fil-poeżija tagħha Maria Grech Ganado tixtieq li l-identità tal-mara toħroġ mill-individwalità tagħha u mhux tkun iddettata mis-sistema soċjali jew mir-rutina tal-ħajja ta' kuljum. Kif taħseb li dan jidher fil-mod kif inhuma miktubin il-poeżiji li hemm f'*Monografija*?

2. Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado f'*Monografija* hija interessata fl-umanità. X'tip ta' esperjenzi umani tirrakkonta u kif tittrażmetti, permezz tat-tekniki poetiċi, l-emozzjonijiet li jqanqlu fiha dawn l-esperjenzi umani?

3. F'*Monografija*, Pawlu Aquilina sikwit jirreferi għal ambjent rurali u għal stil ta' ħajja li jiġi ppreżentat bħala sempliċi u awtentiku (jew ġenwin). Kif joħloq din id-dinja fil-poeżiji tiegħu?

4. Pawlu Aquilina x'riflessjonijiet jagħmel fuq il-figura tal-poeta u fuq il-poeżija fil-versi tiegħu f'*Monografija*?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

**Awtobijografija**

Twelidt b'saqajja f'karretta demel tal-mogħoż,
u b'nofs tużżana pniezel tat-tibjid f'idejja.

Meta bagħtuni l-iskola
imlejt rasi b'ħafna kejliet u qisien.

Maż-żmien bdilt id-demel f'kompost,
ħawwilt tużżana xtieli,
u mill-ward sraqt kemm-il kulur,
sabiex inbajjad il-faċċata ta' dari bl-ilwien tal-qawsalla.

U llum meta negħja,
biex nistrieħ,
nintefa' fuq kaxxa tal-birra rasha 'l isfel,
fuq is-setaħ,
għall-frisk ta' filgħaxija,
u noqgħod inħares lejn il-ward jisponta mix-xtieli
fil-karretta tad-demel.
U nedha nipprova nkejjel il-karretta

u d-demel ta' ġo fiha
bil-qisien li tgħallimt mill-iskola.
Darba jirnexxili u tlieta le.

Mario Cardona

(mill-ktieb *Fuq Kaxxa tal-Birra Rasha 'l Isfel*, 2019)

**JEW**

2.

**Sala Nisa 22**

**Fl-isptar San Vinċenz de Paule**

Ma jitbexxqux għad-dlam l-għajnejn t'hawn ġewwa,
imma biex mgħammxa jiċħdu d-dawl li jidħol
b'dirgħajn indifferenti jerfa' l-għeja
minn ħarstek. Sienja solitarja ttella'
minn bir bla qiegħ id-dwejjaq mar-rużarju,
it-talb li fl-aħħar wasal biex jinstema'.
Fuq ħoġor it-tieqa ħamiema mxebbgħa
tiekol minn idi l-frak li noħorġilha
sakemm ittir hi wkoll, tħallini miegħek.

John Aquilina

(mill-ktieb *Tluq, 2019*)

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 16 ta' Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: ID-DRAMA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* jinstabu diversi intriċċi, uħud personali u oħrajn politiċi. Uri kif dawn l-intriċċi kollha, fl-aħħar mill-aħħar, jidħlu f'xulxin u jħallu effett kbir fuq il-persunaġġi tad-dramm.

2. L-interessi personali tal-politiċi u tan-nies ta' madwarhom jieħdu prijorità fuq il-prinċipji uffiċjali tal-partiti. Evalwa din il-premessa fid-dawl ta' dak li Alfred Sant jippreżenta f'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta*.

3. F'*Menz* ta' Francis Ebejer, iż-żewġ protagonisti rġiel, Menz u Ġorġ, għandhom problemi serji fir-relazzjoni tagħhom mas-soċjetà. Taħseb li dan hu dovut għall-fatt li għandhom l-istess personalità?

4. Uri kif f'*Menz* Francis Ebejer jindika li hemm rabta intima bejn l-għeluq mentali u t-tirannija politika.

**(Total: 10 marki)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* il-qerq u l-ħażen jegħlbu, anzi jgħarrqu, lit-twajbin u 'l-innoċenti. Iddiskuti.

2. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, iċ-ċokon tar-raħal fejn jgħix il-protagonist jirrifletti ċ-ċokon fil-mentalità tal-abitanti tiegħu. Analizza dawk il-fatturi li jikkontribwixxu għal dan iċ-ċokon mentali.

3. Meta wieħed jaqra *Ħela taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* se jsib rakkonti dwar il-ħajja ta' kuljum ta' numru ta' individwi li ħajjithom għandha diversi difetti. Iddiskuti.

4. Ħafna drabi jiġri li n-nies ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' xi diżappunt kbir b'konsegwenza li ħajjithom taqbad triq li qatt ma jkunu basru. Ikkummenta dwar dan b'referenza għal dak li jiġri fin-novelli ta' Lino Spiteri miġburin f'*Ħela taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)**

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

Silta 1.

Quddiem l-iskrin, ommi skopriet Facebook. Wara s-snin li jien u ħuti domna ntambrulha biex titgħallem il-kompjuter, ikkonvinċiet ruħha titgħallmu xħin bdiet tħossha xi ftit eskluża minn sħabha tal-grocer li kollha kellhom email u kont fuq il-Facebook, li tal-aħħar għoddu kien miżura eċċellenti ta' sindikar mingħajr ma jkollok għalfejn tinħeba wara l-purtieri jew tirriskja li tinstema' tiftaħ it-tieqa kollha sadid biex forsi tisma' aħjar. Wara ħafna sindikar random mill-Facebook, ommi kkonkludiet li Stella Come è Bella, li kienet tmur skola magħha, issa wiċċha kollu tkemmex u ċċappas bid-dwejjaq u l-fallimenti tal-ħajja. Mhux se tammettiha magħna, imma ommi ħadet gost issir taf bl-isfortuni kollha ta' Stella, hi u tiskrollja fil-profil tagħha. Għax Stella Come è Bella dak iż-żmien kien jiffansjaha Fredu, it-tfajjel li kienet tiffansja ommi imma li lilha xejn ma kien jagħti kasha ħlief meta kien ikollha l-perlini li nannitha kienet ittiha għad-deżerta wara l-ħobż kollu żjut ta' inċova u tonn taż-żejt jew tidlik ta' butiri u knaten ġobon. Mhux għalhekk biss imma. Żgur li din Stella kienet taqbad m'ommi xi naqra mhux ħażin meta kienu żgħar. Żgur. Għax ommi mhux natura tagħha li tiħdar daqshekk għal ħaddieħor. Lil Fredu ppruvat tfittxu Facebook ukoll imma ta' xejn. Imbagħad ftakret f'Bertu n-Najxu. Sabet li baqa' single u tgħidx kemm iżommha u mid-dehra sar jaħsbu playboy. Tiftakru beda jsir hekk mindu ra l-liri fil-but meta beda jaħdem, għax darba kienet ratu l-Belt żmien qabel, bil-ġlekk. Dakinhar għamel tabirruħu li ma rahiex. Mid-dehra l-but ħxien u ħxien u meta l-but jiħxien, il-bniedem f'daqqa waħda jkollu l-preġji kollha li jixpakkaw minn xi mkien bejn il-liri.

Lara Calleja
(Minn *Lucy Min?*, 2016)

**JEW**

Silta 2.

Xħin waranofsinhar instemgħet is-sirena, l-omm kienet qiegħda taħsel il-platti. Doris, li dik il-ħabta ma kinitx qiegħda tmur tgħallem, kienet qiegħda tixxotta l-platti maħsulin u tqegħedhom f'posthom. Il-missier kien fuq il-bank tax-xogħol jilgħab b'biċċa njama.

Ħadd minnhom it-tlieta ma nħasad għax kienu drawh il-ħbit li kien qiegħed isir is-soltu. Imma mal-ewwel tifqigħa fil-qrib u theżżiża tal-art demmhom kesaħ u għal waqt wieħed ma setgħux joħorġu ħoss minn griżmejhom. Imbagħad, Vitorin – mara qsajra u rqiqa, iżda lventa daqs għasfura – sejħet imwerwra lil żewġha:

"Pawl, infittxu noħorġu minn hawn."

Mingħajr ma lissnu kelma, it-tlieta niżlu t-taraġ ħfief daqs berqa, fil-ħin li l-art ta' taħt riġlejhom bdiet tiżfen bħallikiekU mill-qalba tad-dinja kien irid jinfexx barra xi munġbell moħbi.

Kienu għadhom kemm fetħu l-bieb ta' barra u sa jmiddu riġlejhom fit-triq meta r-riħ ta' bomba, li faqqgħet f'salib it-toroq mhux bgħid, sabbathom wiċċhom mal-ħajt u sħaba trab abjad ksiethom minn rashom sa saqajhom qishom ħut mitfugħin fid-dqiq.

Il-ħsejjes ta' bini jiġġarraf mewtilhom saħħithom. Intrassu ma' xulxin taħt ħnejja. Minn barra wasal aktar qawwi t-twerdin tal-ajruplani tal-għadu u t-tisfir tal-bombi neżlin wara xulxin.

"Marija Bambina, ieqaf magħna int," talbet bil-ħniena Vitorin waqt li rasset lil Doris ma' sidirha.

"Redentur Imqaddes, ikollok ħniena minna," żiedet magħha Doris b'wiċċha maħsul b'għaraq kiesaħ silġ.

Pawlu qal xi talbiet f'qalbu. Huwa ried li jżomm qawwi kemm jista' quddiem iż-żewġ nisa l-oħra. Għalih ma kinitx l-ewwel darba li ra l-mewt għaddejja minn ħdejh. Meta kien għadu żagħżugħ darbtejn ra l-għarqa fuq il-bastimenti fl-ewwel gwerra.

Victor Apap
(Minn *Ulied tal-Azzar, 2016*)

**(Total: 10 marki)**